**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**
**<u>Decizjoni Preliminari Numru: 2410</u>**

Kaz Nru.: 3323/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Nathalie Chetcuti
(Karta tal-Identita' Numru 22764M)

Vs

1. Direttur Generali (Planning and Priorities Co-Ordination Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;

2. Direttur Generali (Funds and Programmes Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;

3. Is-Segretarju Permanenti, fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;

4. Direttur *Corporate Services* fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;

5. L-Avukat Generali;

6. Il-Gvern ta' Malta

*dwar allegazzjoni ta' ksur ta' regolamenti ghall-kuntratt ta' zmien fiss*

**<u>Chairperson: Avv. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit</u>**

Illum 12 t'Ottubru, 2015

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Dan il-kaz hu dwar allegazzjoni min-naha ta' Nathalie Chetcuti ta' ksur tar-regolamenti ghall-kuntratt ta' zmien fiss li kellha ma' l-Intimati.

2. Ir-Rikorrenti ssottomettiet il-kaz taghha kif gej:-

    1. Illi fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena 2004, ir-rikorrenti ffirmat kuntratt ta' mpieg ghal zmien fiss mall-Gvern ta' Malta sabiex tahdem bhala *Technical Attaché* fi hdan ir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropea gewwa Brussel;
    2. Illi r-rikorrenti nghatat diversi kuntratti ta' mpieg ghal zmien fiss mall-Gvern ta' Malta minn Settembru 2004 sa Awwissu 2014;
    3. Illi r-rikorrenti ilha kontinwament impjegata fuq kuntratti tal-impieg ghal zmien fiss mall-istess intimati hawn fuq imsemmijin ghal aktar minn erba' (4) snin u ghalhekk il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti gie mibdul f'wiehed ghal terminu ndefinit skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss, Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 li hija applikabli ghall-impieg mall-Gvern permezz tal-Ligi Sussidjarja 452.99 Regolamenti li jestendu l-Applikabilita' ta' Disposizzjonijiet Dwar Kuntatti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss ghal Servizz mall-Gvern;
    4. Illi fit-tletin (30) t'Awwissu, 2014, il-Gvern ta' Malta ddecieda li ma jestendix aktar il-kuntatti hawn fuq imsemmija;
    5. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi r-rikorrenti thoss li d-drittijiet taghha skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti ta' servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (Legislazzjoni Sussidjarja 452.81), hawn fuq imsemmija qeghdin jigu miksura.

3. Wara dan hi ghaddiet biex formulat is-segwenti TALBA:-

    Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed tressaq il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal skont ir-regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 dwar Kuntratti ta' Sevizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss, u qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal (a) jiddikjara li n-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt ta' l-impjieg tar-rikorrenti qed jikser d-drittijiet taghha skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss; (b) jordna li r-rikorrenti terga' titpogga fl-impjieg mall-intimati fuq kuntratt ghal zmien indefinit mar-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussel bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol li kellha fl-ahhar kuntratt ta' mpjieg taghha mall-intimati; (c) jiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu l-paga lir-rikorrenti minn Awissu 2014 sa meta titpogga lura fl-impieg taghha (d) jiffissa kumpens adegwat ghall-ksur ta' din il-ligi da parti tal-intimati.

4. Din it-TALBA hi munita b'ghadd ta' dokumenti jigifieri Dok NC1 sa Dok NC4.

5. Wara l-ewwel eccezzjoni li whud mill-Intimati m'humiex legittimi kontraditturi u t-tieni eccezzjoni li fiha l-pretensjonijiet tar-Rikorrenti gew michuda, zdiedu eccezzjonijiet hekk:-

    1. Illi minn dejjem kienet il-*policy* tal-Gvern li l-posizzjoni ta' *Technical Attaché* ma tistax tinghata ghal terminu ndefinit u dan minhabba n-natura tax-xoghol ta' dan it-tip. Konsegwentement, il-kuntratt ta' mpieg tar-rikorrenti bhala *Technical Attaché* nghata dejjem ghal zmien definit;

    2. Illi l-esponenti jichdu ukoll kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti fis-sens li l-kuntratt tal-impieg taghha bhala *Technical Attaché* gie mibdul "f'wiehed ghal terminu indefinit skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss, Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 li hija applikabbli ghall-impieg mall-Gvern permezz tal-Ligi Sussidjarja 452.99" in kwantu l-imsemmija ligi tipprovdi li principal jista' jzomm impjegat fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss li jeccedi erba' snin meta jkun hemm ragunijiet oggettivi bhal ma huma posizzjonijiet oghla ta' fiducja bhal ma hi l-posizzjoni ta' *Technical Attaché;*

    3. Illi effettivament fil-kaz tal-posizzjoni ta' *Technical Attaché* fi Brussell hemm ragunijiet oggettivi skont il-ligi sabiex l-impjegati f'din il-posizzjoni jinzammu mpjegati fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss anke wara t-trapass ta' erba' snin f'din il-kariga b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti fis-sens li l-kuntratt tal-impieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu ndefinit hija nsostenibbli;

    4. Illi *multo magis*, kif jirrizulta mill-kuntratti ta' mpieg ipprezentati minn Nathalie Chetcuti, l-posizzjoni ta' *Technical Attaché* hija posizzjoni ta' livell oghla ta' fiducja u dan kif irrikonoxxut espressament mir-rikorrenti stess f'Dok NC3;

    5. Illi dejjem minghajr pregudizzju u bir-rispett dovut, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-kuntratt ta' mpieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu ndefinit tikkozza mall-fatt li fid-29 ta' Novembru, 2011, anness mad-dikjarazzjoni tal-kaz taghha bhala Dok NC3 ghazlet li tidhol f'kuntratt ta' mpieg ghal terminu ta' zmien definit fejn gie espressament rikonoxxut li minhabba n-natura tax-xoghol ta' *Technical Attaché* jissussistu ragunijiet oggettivi, a tenur tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss, sabiex tinzamm fuq kuntatt ta' terminu ta' zmien fiss ghal aktar minn erba' snin;

    6. Illi minghajr pregudizzju, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti fis-sens li l-kuntratt ta' mpieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu ndefinit tikkozza ukoll mall-fatt li hija applikat ghall-posizzjoni ta' *Technical Attaché Environment Horizontal Issues* ghal terminu ta' zmien fiss mahruga

permezz ta' sejha ppublikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-18 t'Ottubru, 2013, kif ukoll ghall-posizzjoni ta' *Technical Attaché Document Management* ghal terminu ta' zmien fiss mahruga permezz ta' sejha ppublikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Jannar, 2014;

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju u biss ghall-grazzja ta' l-argument, dato ma non concesso li dan l-Onorabbli Tribunal jilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, kull talba ghall-hlas ta' paga minn Awwissu 2014 u/jew kumpens hija f'kull kaz infondata u m'ghandhiex tigi milqugha;

6. Finalment l-Intimati talbu li dak li talbet ir-Rikorrenti jigi michud. Dan kollu gie min-naha tal-Intimati munit bid-dokumenti Dok PS1 sa PS4.

## II PROVI u KONSIDERAZZJONIJIET

7. F'dan is-smiegh ta' kaz inzammu tliet seduti. Fit-tielet wahda, dik tas-6 ta' Lulju, 2015, il-partijiet iddikjaraw li l-provi dwar l-eccezzjoni preliminari kienu maghluqa. Din l-eccezzjoni mqajjma fit-tieni udjenza, dik tal-4 ta' Mejju, 2015, permezz ta' dikjarazzjoni ulterjuri tal-kaz tal-Intimati tghid hekk:-

   It-Tribunal m'ghandux jikkunsidra l-ilment ta' Nathalie Chetcuti in kwantu l-azzjoni odjerna hija perenta peress li giet prezentata wara z-zmien koncess lilha a tenur tas-subinciz tnejn (2) tar-Regulament tmienja (8) tar-Regulamenti dwar Kuntratt ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien fiss (Legislazjzoni Sussidjarja 452.81).

8. Ta' min jinnota li f'dan il-kaz ghandna s'issa biss evidenza dokumentarja u x-xhieda estensiva ta' Paul Zahra li hu Permanent Secretary fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Ewropej fl-implimentazzjoni tal-Programm tal-Gvern.

9. Wiehed irid jaghti mportanza lill-ahhar "Extention Letter" taht "Extention of Contract Under the Same Terms and Conditions" li hu datat 5 ta' Gunju, 2014**.** Dan id-dokument firmat mir-Rikorrenti bid-data mall-firma tas-17.06.14, u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru msemmi, jghid dan:-

   *I wish to inform you that the contract signed on 29$^{th}$ November 2011 through which you are engaged as Technical Attaché (Environment – Horizontal) at the Permanent Representation of Malta to the European Union and which was extended up till the 30$^{th}$ April 2014, is now being extended further until 30the August 2014 under the same terms and conditions as stipulated in the above mentioned contract.*

   *To signify your acceptance of this extension, please countersign this letter and return it early to the undersigned. You should keep a copy for your records.*

10. Din l-estensjoni tghid car minghajr ebda ekwivoku li l-ingagg originali bhala *Technical Attaché* (Environment –Horizontal) firmat fid-29 ta' Novembru, 2011, u li kien estiz sat-30 t'April, 2014, **gie ulterjorment estiz sat-30 t'Awwissu 2014.** Mela ghal 4 xhur. Dana b'riferenza dejjem ghall-kuntratt tal-2011 "through which you are engaged".

11. Dakinhar li ffirmat din l-ahhar estensjoni **qasira** fis-17/6/2014 Nathalie Chetcuti kienet taf ghal xhiex kienet qed tiffirma u jekk f'dan kien hemm xi "dawl ahmar" setghet u messha ratu qabel. Din l-estensjoni kienet preceduta minn zewg estensjonijiet qosra ohra – firmati 3 ta' Frar, 2014, u 11 ta' Novembru, 2013, (it-tliet estenzjonijiet esibiti mir-Rikorrenti bhala Dok NC4 mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha).

12. L-eccezzjoni preliminari hawn sollevata, dik 8(2) 452.8 tal-Contracts of Service for a Fixed Term Regulation tghid:-

    > *(2) Subject to the provisions of subregulation (3), the Industrial Tribunal shall not consider a complaint under this regulation unless it is presented within a period of four months, beginning from the date of the less favourable treatment.*

    Is-sottoregolament 3(3) jirriferi propju ghall-impjegati ghal terminu fiss bhalma kienet ir-Rikorrenti.

13. Ta' min iqis li dawn it-termini m'humiex hemm b'kapricc imma huma mahsuba biex jaghmlu gustizzja bejn iz-zewg nahat: il-haddiem u min ihaddem.

14. Il-haddiem irid ikun jaf fejn hu fl-impieg tieghu. Ma jkunx jiddependi mill-burdati ta' min ihaddmu jew mill-interessi ta' min ihaddmu biss. Min ihaddem irid ikun jaf fejn hu wkoll. Dana sabiex ma jigix imfixkel b'xi mannara dejjem fuq rasu bhal meta ma jkunx jaf x'inhi l-pozizzjoni definitiva vis-a-vis l-impjegat tieghu. Ma jistax min ihaddem ikun suggett ghar-rieda tal-haddiem li jiehu passi meta jidhirlu hu u dana f'terminu indefinit.

15. Fil-kaz prezenti it-TRIBUNAL ihoss illi kieku riedet tara xi "dawl ahmar" ir-Rikorrenti messha u setghet – kif ga ntqal, tarah qabel u tiehu passi qabel u tressaq l-ilment prezenti u mhux thalli z-zmien ghaddej.

## III DECIZJONI

Meqjus dan kollu t-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' effettivament preskrizzjoni u jiddikjara li l-ilment tressaq quddiemu tardivament mir-Rikorrenti bi ksur tal-ligi u regolamenti msemmija fir-rigward.

Ghall-finijiet ta’ taxxa u drittijiet it-TRIBUNAL INDUSTRIJALI jiffissa s-somma ta’ tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17c).

Ghaldaqstant jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

(Iffirmat)
Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**